# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tlieta u sebgħin (73) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu meħuda b'moqrija minkejja li wħud mill-kunsillieri qalu li ma waslulhomx b'*e-mail,* kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti:**

3. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi l-*bookings* mill-pubbliku għall-**mawra f'Għawdex** nhar il-25 ta' Mejju, 2011, sejjer tajjeb, tant li hu mistenni li jkun hemm konkorrenza tajba bħal dik tas-sena l-oħra; għaliex s'issa diġà lħaqna s-sittin persuna.

4. Dwar l-**attivitajiet** li seħħew fir-raħal fl-1 ta' Mejju 2011, is-sindku qal li dik organizzata mis-**Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju** jidher li kienet tajba għaliex hu attenda għaliha. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal li hu indaga dwar il-*go-carts* imsemmija mill-kunsillieri fl-aħħar seduta kif fil-fatt reklamat fis-sit elettroniku tagħhom. Fil-fatt dawn kienu karozzi li jaħdmu bil-batterija tal-logħob tat-tfal. Intant dwar l-attività organizzata mill-**Każin tal-Futbol,** is-sindku qal li bħala KLM, ippreżentajna t-tazza bħala rikonoxximent għall-kwalifikazzjoni fil-*Premier Division*. Hu qal li din ukoll kienet tajba ħafna. Grace Marie Malia staqsiet jekk kienx hemm invit formali mill-Każin tal-Futbol. Is-segretarju eżekuttiv qal li ma rċieva xejn filwaqt li Charles Farrugia qal li fil-fatt dawn ma qagħdux joħorġu inviti.

5. Noel Galea informa lill-kunsillieri illi x-xogħol ta' **tneħħija ta' *wires*** minn mal-faċċata tal-uffiċċju tal-kappillan u l-madwar, issa tlesta u dawn għaddew minn taħt l-art. Infatti hu qal li fil-pjazza saru l-*cables* tal-*GO plc* u l-*Melita plc* ukoll, u jonqos il-wiċċ tat-tarmak.

6. Is-sindku semma wkoll il-**konferenza stampa** li saret mill-Onor Chris Said, Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u Dr Vanni Xuereb, il-Kap tal-*MEUSAC* fir-raħal tagħna nhar l-4 ta' Mejju 2011. Hu qal li din kienet waħda tajba fis-sens li tat *coverage* tajjeb mhux biss ix-xogħol li hu antiċipat li jsir mill-KLM fejn saret il-konferenza, jiġifieri l-inħawi tal-Katakombi tal-Mentna, iżda wkoll lill-proġetti li se jitwettqu minn kunsilli lokali oħrajn bis-saħħa tal-*European Agricultural Funds for Rural Development,* Mizura 313, tal-Ministeru tal-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, permezz tal-Aġenzija tal-Pagamenti. Dwar l-ewwel *bilateral meeting* li kellu l-KLM mal-*Paying Agency,* dwar il-progett tal-Mentna, is-segretarju eżekuttiv ipprepara l-ewwel *quarterly report* u dan kien diskuss fl-istess laqgħa. Madankollu s-sindku qal li kellna nċaqilqu d-dati għaliex meta fl-2009 tfajna l-applikazzjoni, din kienet għall-perjodu 2010-2012 u kien biss fil-bidu tal-2011 li sirna nafu li kkwalifikajna għall-proġett – għaliex l-applikazzjoni tagħna kienet fuq il-lista tar-riżervi. Għaldaqstant kellna nipposponu d-dati b'sena. Intant fl-istess laqgħa l-Kunsill Lokali Mqabba kien mitlub illi jagħmel *sketch* ta' diżinn fuq *notice board* li se titwaħħal fuq is-sit bħala reklam mill-*Paying Agency* li se jħallsuha huma stess.

7. Wara l-proposta li saret ħmistax-il ġurnata ilu, **żewg *bollards*** li kienu għadhom kemm inxtraw mingħand il-fornitur tagħna is-Sur Anton Zarb u li kienu għadhom kif twaħħlu fi Triq San Mikiel, inqalgħu u weħlu oħrajn flokhom. Dawn kienu magħmula mill-ħaddiema tal-*IPSL*. Din il-proposta kienet saret biex jinqalgħu minn posthom (dawk tqal) tas-Sur Zarb, sabiex il-familja li għandha *garage* fi Triq San Mikiel, tkun tista' ddaħħal u toħroġ il-vettura tagħha fih mingħajr tbagħtijja. Dawn li nħadmu apposta għandhom il-funzjoni li jitilgħu u jinżlu. Intant is-segretarju eżekuttiv talab lill-fornitur Anton Zarb sabiex ikunu ritornati lura lilu u joħroġ *credit note* għalihom.

8. Dwar il-***quotations* u t-*tenders*** li ħarġu matul l-aħħar xahrejn, is-sindku qal li għal dik tal-***computer*** is-segretarju eżekuttiv ġab *quotation* illum mingħand *Scan Malta Ltd* filwaqt li hu talab lil *Alberta Fire and Security* biex jibagħtulna waħda huma wkoll. Dan fid-dawl illi għall-offerta tagħna maħruġa aktar kmieni dan ix-xahar, ma tefa' ħadd l-ebda *bid*, bħalma fil-fatt ma ntefgħet l-ebda *bid* għal dik tal-**bieb tal-gallarija bil-ħġieġ *double glazed,*** tal-uffiċċju tas-sindku. Is-sindku qal li lanqas għall-offerta tal-**pubblikazzjoni tal-kalendarju**, ma tefa' ħadd l-offerta tiegħu minkejja li wara li għalqet it-*tender* hu talab personalment lil *Best Print Co Ltd* u lil *Veritas Press*, stima ta' kemm dan hu mistenni li jiġi jiswa peress li l-*quotation* li tefa' *Kap Services Ltd* aktar kmieni ix-xahar li għadda inħasset li kienet għolja wisq. Dwar il-**produzzjoni ta' dokumentarju** hu qal li dak li tefgħu l-*bidders* fil-*quotation* kien għoli wisq u jaħseb li aħjar ikun postpost għal mument ieħor. Intant Grace Marie Mallia qalet illi hi ma kientx taf bil-laqgħa tal-Kumitat tal-Offerti li nżammet nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Mejju 201, minn qabel kieku ma tkellimx magħha u qalilha s-sindku. Fil-fatt meta ċemplet lis-segretarju eżekuttiv hu qalilha biex tibgħat *e-mail* fejn tgħid li ma tistax tattendi, ħalli jinforma lill-kunsillieri. Kopja ta' din l-*e-mail* se tkun dokumentata mal-minuti li żamm is-segretarju eżekuttiv tal-istess laqgħa fejn kienu deċiżi t-*tender* tas-***CCTV camera*** għall-Pjazza tal-Knisja u l-aġġudikar tal-***quotation* tal-*WI-FI*** fl-istess sit. Kopja ta' dawn il-minuti kienu mqassma lill-kunsillieri. Id-deċiżjoni li waslu għaliha l-membri ta' dan il-kumitat, imsaħħa mid-deċiżjoni tal-kunsillieri f'din il-laqgħa, hija l-istess rakkomandazzjoni biex ix-xogħol tas-*CCTV* isir minn *Alberta Fire & Security* (li dwaru kien hemm suġġeriment li kienu l-aħjar *bidders* mill-Inġinier Albert Ellul) u tal-*GO plc*, rispettivament. Is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv jibgħat **ittra ta' ringrazzjament lill-Inġinier Albert Ellul** tax-xogħol li għamel biex ivvettja l-*bids* tas-*CCTV*.

9. Is-sindku talab ukoll lis-segretarju eżekuttiv jibgħat **ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Mario Gauci** peress li tana l-elettriku mingħajr ħlas għax-xogħol ta' nstallar ta' *gazebo* fil-Ġnien tal-Ġibjun.

10. Noel Galea talab ukoll lis-segretarju eżekuttiv jibgħat ittra lis-Soċjetà Mużikali Santa Marija biex ninfurmawhom li din is-sena l-KLM qed jawtorizzahom (€931.75) biex jagħtu s-**servizz mużikali** tagħhom għall-attività ta' **Ġieh l-Imqabba 2011** li se tinżamm fl-Iskola Primarja Mqabba nhar it-8 ta' Ottubru, 2011.

11. Noel Galea talab ukoll lis-segretarju eżekuttiv jibgħat ittra liż-żewġ soċjetajiet mużikali sabiex jinfurmahom bl-**approvazzjoni tal-KLM** biex jinxtara s-servizz bl-ammont ta' **€500 (kull soċjetà)** sabiex nhar is-7 ta' Ottubru 2011 il-bandisti taż-żewġ każini jdoqqu flimkien fl-attività kulturali **"L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien".**

12. Il-KLM laqa' l-istedina tar-**Reġjun tan-Nofs-in-Nhar** fejn tħawwlet **siġra** fil-lokalità tagħna fl-okkażjoni ta' **Jum l-Omm 2011**. Il-President, Ms Claudette Abela Baldacchino infurmatna b'dan ftit siegħat qabel u minkejja li Grace Marie Mallia attendiet għal din l-okkażjoni, hija lmentat li ma kienetx taf b'din l-okkażjoni mill-KLM, iżda minn membri tal-istess Reġjun. Is-sindku qal li lanqas il-KLM ma kien avżat, għajr biex jixtri siġra u tkun imħawla ftit siegħat

aktar kmieni. Intant tpoġġa wkoll **bukkett fjuri** mill-KLM fiċ-ċimiterju waqt il-quddiesa li tkun organizzata f'dan is-sit għal din l-okkażjoni.

**Aġenda**

13. Il-KLM iddiskuta t-tħejjijiet li għandhom isiru għall-**Festa tal-Madonna tal-Ġilju 2011**. Intqal illi se nibbukkjaw l-istess numru ta' gwardjani lokali kif isir is-soltu biex jassistu t-traffiku nhar u lejliet il-festa. Dan se jsir mal-kumpanija tal-gwardjani li għadha tagħti s-servizz lill-Kumitat Konġunt taż-Żurrieq (*LES*). Il-*By-Pass* se tkun magħluqa fil-ħinijiet stabbiliti fis-snin ta' qabel u għalhekk il-gwardjani lokali se jkollhom ir-rwol li jiddevjaw it-traffiku. Is-sindku qal li l-affarijiet m'għandhomx ikunu kumplikati ħafna daqs fil-Festa ta' Santa Marija fejn hu antiċipat illi r-rotta tat-trasport pubbliku l-ġdida se tgħaddi minn Triq il-Barrieri. Hawn issemma li *Transport Malta* bidlet ir-**rotta tat-trasport pubbliku** għaliex fil-pjanijiet oriġinali dawn kienu se jgħaddu minn Triq Valletta, imma issa rrevedew ir-rotta għal Triq il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa u Triq id-9 ta' April.

14. Intant is-segretarju eżekuttiv qal li f'taħdita li kellu mas-segretarju tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, hu ġie nfurmat li minħabba n-nar tal-art, aktarx se jkollhom jiċċaqilqu xi kabbani minn mas-*central strip* ta' Triq Karmenu Ciantar. Issemmiet ukoll id-dikjarazzjoni li kellha tiġi ffirmata mill-istess sidien tal-kabbani matul is-sena l-oħra, fejn l-awtoritajiet mhux se jkunu responsabbli minn xi aċċident li jista' jinqala' minħabba n-nar u l-viċinanza tal-armar tagħhom kważi taħt ir-roti taġ-ġiġġifogu. Din is-sena se jkun hemm ukoll l-infurzar tal-*bye-law* bil-kunsillier Paul Spiteri jissuġġerixxi li l-avviż li tesiġi l-istess *bye-law* dwar il-projbizzjoni tax-xorb fi fliexken tal-ħġieġ, isir mill-KLM sabiex jitwaħħal mal-kabbana għall-ħlas nominali ta' €2.

15. Għas-suġġeriment li kien sar mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju lill-KLM fejn fl-istess laqgħa kien awtorizza lil **banda barranija** sabiex titlaqqa' fl-Isptar il-Qadim, il-KLM se jospita 'l din il-banda u jħallas nofs l-ispejjeż ta' *finger food* li se jkun hemm bħala promozzjoni tar-raħal tagħna. Din l-istess banda se tkun ukoll imdawwra mal-Katakombi tal-Mentna fuq talba tas-soċjetà li minn naħa tagħna tressqet fi ħdan *Heritage Malta*. Intant id-Deputat Sindku talab il-minuti tal-laqgħa li kienet inżammet f'dan l-uffiċċju mal-President Imeritus l-ET Dr Ugo Mifsud Bonnici fejn kien ġie diskuss il-patrimonju Malti għaliex hu jħoss li għadu ma sar xejn ħlief diskors fuq l-istess wirt storiku fl-Imqabba u l-immaniġġjar aħjar ta' siti storiċi.

16. Is-sindku u l-kunsillieri awtorizzaw lis-segretarju eżekuttiv sabiex jitlob is-servizz ta' **ambulanza** għal nhar it-18 ta' Ġunju 2011 għal li jista' jinqala' meta jkun qed jinħaraq in-nar tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Il-KLM awtorizza lis-segretarju eżekuttiv sabiex jikri erba' ***mobile toilets*** fl-istess jum ħalli ma jkunx hemm min jabbuża. Is-segretarju eżekuttiv kien ukoll awtorizzat sabiex jordna **bukkett fjuri** għal quddiem l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju fil-Knisja, kif ukoll biex jinxtara *token* tal-ħġieġ fl-okkażjoni taċ-ċentinarju mit-twaqqif tal-istess soċjetà.

17. Is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat ukoll biex iżomm il-**latrina pubblika** miftuħa għal ħinijiet itwal minn dawk tas-soltu – it-Tlieta tal-ġimgha tal-festa waqt il-programm fuq il-planċier, il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd tal-ġimgħa tal-festa. Is-segretarju eżekuttiv kien ukoll awtorizzat sabiex jestendi il-ħinijiet u l-ġranet tat-**tindif tat-toroq** fiż-żmien tal-festa minħabba l-folol kbar li hu antiċipat li jkun hawn.

18. Ġiet approvata ċ-**ċedola tal-pagamenti** numru 413.

**Punti Oħra:**

19. Is-sindku qal li huwa tal-parir li l-KLM jirtira l-proposta tiegħu illi **Mersia Mackay titla' Strasbourg** mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) għaliex hija ma' tistax tagħmel tajjeb għall-ebda spejjeż u l-KLM iħoss li €450 huma għolja wisq għalih. Dan wara li kien hemm battibekk bejnu u bejn is-segretarju eżekuttiv tal-AKL għal żieda tal-ispejjeż mhux mistennija,

minkejja li ntqal mill-kunsillieri illi jiddispjaċihom li din kienet diġà mwebbla biex issiefer. Is-sindku qal li ġejna *misled* mill-ewwel ftehim minħabba spejjeż moħbija li ma konniex nafu bihom. Is-sindku għalaq li l-AKL imxiet b'nuqqas ta' serjetà kbira u attitudni inaċċettabbli għal dawk li ġew magħżula.

20. Nicholas Briffa talab rendikont tal-ispejjez tar-***resurfracing* tat-toroq**. Is-segretarju eżekuttiv qal li qed jistenna l-kontijiet ta' Triq Dun Ġiacomo Tortella, Triq Annetto Caruana u s-*service road* f'Misraħ Ġublew tad-Djamanti biex jaġġorna l-kotba.

21. Paul Spiteri ippropona *pole* bhala mezz ta' **barikata mal-faċċata tar-resident** Ingliż Jonathan Mcleish biex nipprovdu lqugħ fi Triq San Bażilju fl-aktar parti dejqa ta' din it-triq. Is-sindku wieġeb li hemm ser jinħadmu numru ta' *bollards* sabiex jipprevenu ħsarat lir-residenti li għandhom id-dar tagħhom fi djuq tat-triq.

22. Charles Farrugia issuġġerixxa li jitwaħħlu qishom **paletti** (flok *cats' eyes*) fit-Triq tas-Sejba biswit is-*sub-station* bħalma hemm viċin l-Iskola ta' San Benedittu f'Ħal Kirkop. Hawn Nicholas Briffa qal li għad hemm is-*sign* juri direzzjoni ħażina u jista' jkun li jħawwad l-imħuħ ta' dawk li jkunu ġejjin lejn l-Imqabba.

23. Is-sindku ssuġġerixxa li **jinxtraw għoxrin *cone*** biex jipproteġu l-ħaddiema tal-*IPSL* waqt xogħolijiet fit-toroq. Hu ssuġġerixxa biex jiġu rinfriskati l-**marki tat-traffiku** fi Triq tas-Sejba. Hu qal li is-sena l-oħra din kienet telgħet somma ta' madwar €2,000 peress li kienet saret b'żebgħa tat-tip *glow in dark*. Hu talab lis-segretarju eżekuttiv jixtri s-servizzi ta' gwardjan lokali biex jassisti f'dawn ix-xogħolijiet. Paul Spiteri qal li jkun tajjeb illi f'dan l-istess intervent, tinqala' l-**barikata** u titwaħħal f'post illi min ikun ġej fuq il-bankina ma jkollux għalfejn joqgħod jaqbiżha.

24. Grace Marie Mallia qalet li tajjeb li jkollna kjarifika fil-każ tal-**ħaddiema tal-*IPSL*** f'każ ta' *injury* fuq il-post tax-xogħol.

25. Is-sindku qal li se nipproċedu bil-**kisi tat-toroq** fejn hu ttamat li sa nofs il-ġimgħa d-dieħla, jkunu lesti Triq il-Pal, Troll, Xriek u Mitħna. Hu qal li se nippruvaw biex sal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju, ma nħallux toroq miftuħin.

26. Is-sindku qal ukoll li kien iltaqa' ma' sindku Taljan ftit tal-ġimgħat ilu u tkellem miegħu fuq ġemellaġġ abbinat mal-ġebla tal-franka. Hu qal li peress li sa Bari bir-*Ryanair* ma tantx hemm spejjeż, jaħseb li jkun ta' benefiċċju illi napplikaw għal fondi mill-Unjoni Ewropeja. Hu ssuġġerixxa li Paul Spiteri jkun responsabbli minn dan il-**ġemellaġġ** minkejja li stieden lill-kunsillieri l-oħra jaħdmu miegħu. Noel Galea qal li l-proposta hija waħda ta' ħbieberija ma' raħal żgħir viċin Lecce, peress li l-kunsill tagħna hu wieħed mill-ftit kunsilli li m'għandux ġemellaġġ.

27. Grace Marie Mallia qalet illi ta' kuljum fejn l-iskola qed ikun hemm **konfużjoni sħiħa ta' traffiku u tfal jaqsmu bl-addoċċ** bil-barka tal-ġenituri tagħhom fl-assenza tal-pulizija. Il-kunsillieri qablu li jsir *flyer* biex nedukaw billi nissuġġerixxulhom li jaqsmu minn fuq iż-*zebra crossing* filwaqt li għandna niktbu lill-Kap tal-Iskola u lill-Prinċipal qabel ma dan ikun diżinjat, bil-għan li jgħaddi f'idejn il-ġenituri.

28. Grace Marie Mallia lmentat li kull **meta qed tkun posposta l-laqgħa** hija ma tkunx tista' tirranġa biex tibdel il-ġurnata. Hija lmentat ukoll fuq l-*e-mail* li bagħat is-sindku fejn jidher li kien hemm nuqqas ta' fiduċja fiha minħabba xi *bookings* li għamlet għan-nom ta' persuni biex jissieħbu magħna fil-mawra t'Għawdex. Is-sindku wieġeb illi mhux nuqqas ta' fiduċja iżda sabiex kollox ikun konformi u nevitaw żbalji fl-informazzjoni tan-nies.

29. Grace Marie Mallia semmiet **programm televiziv** li se jsir fuq *ONE TV* biex jagħti aktar promozzjoni lill-kunsilli lokali. Is-sindku qal li hu minkejja li kien jaf bih lanqas ippoponih fil-KLM għaliex dan qed jintalab għalih €1,000.

30. Paul Spiteri talab aktar informazzjoni dwar stedina indikata fil-lista tal-korrispondenza li kienet qed takkumpanja l-istess korrispondenza mpoġġija fuq il-mejda tal-kamra. Din kienet tittratta **attività** mmirata **għall-anzjani** fil-padiljun sportiv ta' Kordin.

31. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar l-26 ta' Mejju 2011 u dik tal-lum intemmet fit-8.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*26/05/2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |